Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001053/2020
lill-Kummissjoni
Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura
Katrin Langensiepen (Verts/ALE), **Alex Agius Saliba** (S&D), **Brando Benifei** (S&D), **Biljana Borzan** (S&D), **Isabel Carvalhais** (S&D), **Lefteris Christoforou** (PPE), **Pascal Durand** (Renew), **Giorgos Georgiou** (GUE/NGL), **Alexis Georgoulis** (GUE/NGL), **José Gusmão** (GUE/NGL), **Kateřina Konečná** (GUE/NGL), **Aurore Lalucq** (S&D), **Radka Maxová** (Renew), **Tilly Metz** (Verts/ALE), **Anne-Sophie Pelletier** (GUE/NGL), **Alfred Sant** (S&D), **Sylwia Spurek** (S&D), **Kim Van Sparrentak** (Verts/ALE), **Chrysoula Zacharopoulou** (Renew)

Suġġett: Il-Karta tad-Diżabilità tal-UE

Fl-2015, tvara proġett pilota għall-karta tad-diżabilità tal-UE fi tmien Stati Membri. Il-persuni b'diżabilità japprezzaw ferm din l-inizjattiva. Madankollu, l-ambitu tal-proġett fil-forma attwali tiegħu huwa limitat ħafna. L-ewwel nett, huwa limitat ġeografikament minħabba li bħalissa tmien Stati Membri biss qed jipparteċipaw. Barra minn hekk, ir-roħs u l-vantaġġi l-oħra jingħataw lid-detenturi tal-karti biss fis-setturi tal-kultura, tar-rikreazzjoni, tal-isport, u, sa ċertu punt, tat-trasport. Fl-aħħar nett, l-iskema hija volontarja u kull Stat Membru jista' joħloq ir-regoli tiegħu stess dwar l-eliġibilità għall-karta.

1. Il-Kummissjoni beħsiebha testendi l-proġett għall-Istati Membri kollha biex jagħmluha tassew inizjattiva għall-UE kollha kemm hi?

2. Se jkun hemm xi leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-karta f'oqsma oħra ta' politika importanti, bħal-leġiżlazzjoni li tiddetermina l-portabilità tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u tad-diżabilità meta l-persuni jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri?

3. Il-Kummissjoni se tipprovdi finanzjament biex tiffaċilita l-proġett?